MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2007

Numru. 1262/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

**Anthony Calleja ta’ 61 sena, iben Peter u Catherine nee’ Vella,**
**imwieled ir-Rabat fil-21 ta’ Awissu 1945 u joqghod 48/50 Triq Tonio Farrugia, Rabat detentur tal-karta ta’ l-identita numru 0757645(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Anthony Calleja li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli bhala persuna illi kellu f’idejh fl-imsemmi fond, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda,

1. Ikkometta serq ta’ kurrent elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm100 ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, hin u valur u aktar;
2. Talli ghamel hsara jew kisser parti mil-meter ta’ l-elettriku jew is-sigilli tieghu jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gummi wzati fil-provista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Il-Qorti giet mitluba tapplika l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens ta’l-Avukat Generali sabiex dana il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet li l-imputat ma ghandux oggezzjoni illi il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda li gew prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti irrizulta illi l-imputat Anthony Calleja ikkometta serq ta’ kurrent elettriku fl-ammont ta’ Lm651.86, li minnhom huwa diga hallas l-ammont ta’ Lm250. Illi jirriuzlta ukoll illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti, qieghda taqta’ u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta’ l-imputat u wara li rat l-artikoli 261 (b)(c) u (f), 264, 267 u 326 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat Anthony Calleja hati ta’ l-akkuzi kif dedotti.

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena illi l-imputat ghandu fedina penali kwazi netta, illi kif inghad iktar ‘il fuq huwa ammetta l-akkuzi fi stadju bikri tal-proceduri u diga qieghed ihallas

lill-parti leza u cioe’ lill-Korporazzjoni Enemalta tal-hsara minnu ikkagjonata. Ghalhekk wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni illi huwa ma jikkomettix reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lill-hati sabiex fi zmien sitt xhur mil-lum ihallas l-ispejjez kollha li kellhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti f’dana il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------